MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-10 ta' April, 2008

Appell Kriminali Numru. 430/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. N. Lanzon)**
**Vs**
**Noel Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1. f'dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Jannar, 2002 u matul dawn l-ahhar sena w nofs, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba' w is-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-

licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemija fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. fl-istess data w cirkostanzi f’Malta, f’hinijiet differenti kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta w psikotropika (DHC u VALIUM) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta), liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. fl-istess data w cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza w dan bi ksur tal-artikolu 9(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Novembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 17(f) tal-Kap. 9, it-Taqsima 4 u 6, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), u 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap. 101 u r-regolament 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll r-regolamenti 3(1) u 5(1) ta’ l-Avviz Legali 22 ta’ l-1985 u l-artikoli 40A, 120A(10(a), 120A(2)(b)(i)(ii), sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel u tat-tielet imputazzjoni w illiberatu mit-tieni imputazzjoni.

Il-Qorti wara li semghet lill-Probation Officer tixhed dwar il-progress maghmul mill-appellant u li llum ghandu xoghol stabbli, qed tikkundanna lill-appellant ghal sitt xhur prigunerija w ghall-hlas ta’ multa ta’ tlitt mitt lira Maltija (LM300) liema multa tista’ tithallas b’rata ta’ LM60 fix-xahar bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn erba’ gimghat. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut f’daqqa w jekk xi parti minn din il-multa ma tithallasx, din tinbidel f’jum prigunerija ghal kull LM5 liri Maltin li ma jithallsux.

Ai termini ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti kkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez ta’ LM44.50 fi zmien xahar.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta’ Dicembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni imputazzjoni kif ukoll tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati ta’ pussess ta’ droga (pussess semplici), filwaqt illi thassarha, tirrevokaha w tannullaha in kwantu ghall-kwalifika li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w konsegwentement tibdilha dwar il-piena li ghandha tirrifletti pussess semplici.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-agravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' li filwaqt li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-pussess hekk imsejjah semplici tal-qratas tal-eroina, naqset li ggib provi konklussivi li l-istess pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv u li r-ragunijiet kwotati mill-Ewwel Qorti ma jikkostitwux raguni konklussuiva ghall-fini tal-istess imputazzjoni. L-ammont hu wiehed *de minimis* u ma hux inkompatibbli mall-pussess ta' persuna li tikkonsma d-droga hi personalment, minghajr ma taqsam ma terzi. Ma jistghux jingibdu inferenzi inekwivoci mill-fatt illi l-istess eroina nstabet fil-karozza w lanqas mil-fatt illi l-appellant kien qieghed fl-inhawi tad-Detox li hu post solitament fekwentat minn min juza d-droga. Trid tigi pruvata intenzjoni inekwivoka tal-intenzjoni ta' spacc skond il-gurisprudenza. L-appellant dejjem ta l-istess versjoni w imkien ma kkontradica lilu nnifsu. Lanqas ma gew esebiti f dan il-kaz xi oggetti li dwarhom l-appellant ma tax spjegazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn )

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit tal-atti processwali biex tara jekk id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant hati ta' pussess "aggravat" tad-droga eroina skond l-ewwel imputazzjoni kienetx ben fondata fuq ir-rizultanzi. Jigi osservat li l-appellant gie liberat mit-tieni imputazzjoni w ma jidhirx li f' dan l-appell qed jikkontesta s-sejbien ta' htija dwar il-pussess semplici tar-raza tal-cannabis skond it-tielet imputazzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi kif j

kien jikkonsma gramma eroina w iqassamha mall-gurnata, tnejn fil-ghodu, tnejn f' nofsinhar u tnejn filghaxija. Dawn kollha nstabu mohbija wara d-*dashboard* tal-karozza tal-appellant vicin id-Detox Centre. L-Ewwel Qorti qieset dawn it-tlitt fatturi bhala determinanti biex irriteniet li l-pussess ta' din id-droga da parti tal-appellant ma kienx wiehed semplici.

Illi din

facilment ghaliex hu kellu jiehu mieghu sitt qratas kontenenti eroina apparti l-kontenut li kien hemm f' borza

w li jkun ukoll fil-vicinanzi tad-Detox centre, fejn hu risaput li jsir spacc tad-droga fuq bazi regolari, ma tistax teskludi l-versjoni li ta l-appellant kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti. Din il-versjoni tista' tigi accettata fuq bazi ta' probabbilita' w minkejja s-suspett qawwi li jiggeneraw ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li c-cirkostanzi necessarjament jistghu jwassluha ghac-certezza morali li dik id-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tal-appellant.

Ghalh

Dan n

hawn ma jirrizultax li l-appellant kien rega' kiser difrejh mall-ligi, hlief f' din l-okkazzjoni f' Jannar, 2002 u kollox jindika li l-appellant qed jghix hajja regolari w qed igib ruhu sew ma martu w uliedu. (fol. 111 u 112 tal-process).

Ghalh

Ghal (

imputazzjoni, w fejn ikkundannatu ghall-multa ta' tlitt mitt lira Maltin (LM300) (ekwivalenti ghal sitt mija u tminja w disghin Euro u wiehed u tmenin centezmu [Eur.698.81c] ), liema multa tista' tithallas b' rata ta' LM60 (ekwivalenti ghal mija w disa' w tletin Euro u sitta w sebghin centezmu [Eur.139.76c] ) fix-xahar, bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard minn erba' gimghat mid-data tas-sentenza (li issa jibdew jghaddu mil-lum), u b' dan li jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut f' daqqa w jekk xi parti minn dik il-multa ma tithallasx, din timbidel f' jum prigunerija ghal kull LM5 (Eur. 11.65c) li ma jithallsux; kif ukoll tikkonfermaha fejn ikkundannat lill-appellant li jhallas l-ispejjez tal-perizja fl-ammont ta' erba u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (LM44.50c) (ekwivalenti ghal mija w tlitt Euro w sitta w sittin centezmu [Eur.103.66c]) fi zmien xahar li ukoll issa jibda jghaddi mil-lum u fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tad-Deputat Registratur, tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati ta' pussess tad-droga eroina liema droga instabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu w minnflok isibu hati biss ta' pussess "semplici" tal-istess

droga, w tirrevokaha ukoll fejn ikkundannat lill-appellant ghal sitt (6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------